# F'Għeluq is-Sittin Anniversarju mill-Mewt ta' Emanuel Benjamin Vella

**kitba ta' Hilary W. Vella**

Bħal-lum sittin sena ilu, iz-ziju tiegħi - E.B. Vella - miet fl-età ta' 47 sena. Minkejja l-ħajja qasira li kellu, huwa ta kontribut kbir lill-ilsien Malti. Il-ħidma tiegħu naqsmuha fuq tliet friegħi prinċipali, jew aħjar - xogħol siewi fl-edukazzjoni, fl-istorja u arkeoloġija ta' Malta u fuq kollox fl-Ilsien Malti.

Emanuel Benjamin Vella twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju 1899 u baqa' joqgħod il-Mosta. Fl-età ta' 21 sena kien mibgħut mill-gvern fil-Kulleġġ ta' *St. Mary* fl-Ingilterra biex jibda kors ta' sentejn għal surmast fl-iskejjel tal-gvern. Hu ġie lura mill-Ingilterra bl-ogħla rakkomandazzjoni li jistgħu jingħataw. Miegħu kien hemm ukoll kors tal-letteratura u ngħata ċertifikat mil-*London County Council.*

Wara din it-tħejjija, E. B. Vella ntefa' b'ruħu u b'ġismu għat-tagħlim qalb ħutu l-Maltin. Barra xogħol ta' Surmast f'diversi skejjel, kien jgħallem l-Ingliż fl-Iskola tat-Taħriġ u snin wara l-Malti fil-Liċeo.

Wara li ħa l-ħatra ta' Surmast, sar Spettur ta' l-iskejjel u nkarigat bħala Spettur tal-Malti bil-għan biex it-tagħlim tal-Malti jissokta jitjieb. Is-surmastrijiet ta' l-iskejjel ġew obbligati buiex jagħmlu kors ta' taħriġ organizzat minn E. B. Vella.

Bħala kittieb, E. B. Vella jintgħażel minn kittieba oħra għaliex hu għażel li jikteb l-istorja ta' l-irħula kbar ta' Malta. Huwa kiteb l-istorja ta' Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u Marsaxlokk, Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, Birkirkara, il-Mosta u l-Knisja Tagħha. Kien ukoll qiegħed jikteb l-istorja ta' l-Imdina iżda ma kellux xorti jispiċċaha. Barra minn hekk kiteb dwar il-ħidma arkeoloġika - bħal per eżempju t-tempju neolitiku ta' Ħal Tarxien, dwar Żmien il-Ħaġar, u dwar l-istorja ta' l-Assedju l-Kbir.

Nistgħu ngħidu wkoll li E. B. Vella kien l-id il-leminija ta' Sir Temi Zammit - Direttur tal-Mużew. Ħadmu flimkien fil-kxif ta' l-oqbra ta' żmien l-imgħoddi u fdalijiet arkeoloġiċi li kienu moħbija taħt it-trab. Kiteb ukoll dwar l-oqbra puniċi. Jgħid ukoll li fil-Mosta hemm ħafna tifkiriet tal-Feniċi u l-Kartaġiniżi.

Emanuel Benjamin Vella kien inkarigat ukoll li jħejji l-kotba tal-qari tal-Malti għall-iskejjel elementari li huma "Ward ta' Qari Malti". U s-sitt kotba b'kollox damu jintużaw fl-iskejjel primarja għal 40 sena sħaħ. Ħareġ ktieb ieħor bl-isem ta' "Ward Antoloġija Maltija".

Huwa għen fit-tfassil tad-dizzjunarju Malti. Sena qabel ma miet, Dun Karm Psaila - il-poeta Nazzjonali - kiteb sunett dwaru li semmieh 'Lil E. B. Vella', u kiteb ukoll bosta artikli. Emanuel Benjamin Vella miet fit-2 ta' Mejju, 1946.

B'dawn il-ftit ħsibijiet, naraw li E. B. Vella kien studjuż, lingwist, ta' kultura kbira, kittieb storiku u arkeoloġist. U jien inħossni tassew onorat li għal dawn l-aħħar tnax-il sena ġejt innominat bħala President tal-Kunsill ta' l-Iskola tal-Mosta msemmija għaz-ziju tiegħi E.B. Vella - bniedem li għamel unur lill-Mosta u lill-Malta.

Din il-kitba nqrat mill-awtur innifsu waqt serata ad unur lil E.B. Vella fl-Iskola tal-Mosta msemmija propju għalih fit-2 ta' Mejju, 2006.



*Is-sur Hilary W. Vella - neputi ta' E.B. Vella - waqt il-qari tad-diskors dwar zijuh fl-attività fl-Iskola E.B. Vella tal-Mosta.*